**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 10, miżmuma nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru, 2019 fis-6.30pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Skużati:

- Anne Marie Fenech — Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

Saret stqarrija li permezz tagħha nġibdet l-attenzjoni li l-Aġenda ma ntbagħtitx 5 t'ijiem ta' xogħol qabel. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li stqarrijiet simili għandhom jitressqu wara l-qari ta' apoloġija.

**<u>10.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji</u>**

Il-Kunsilliera Anne Marie Fenech infurmat li ma setgħetx tattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa.
Il-Kunsillier Carlos Zarb u Mario Salerno infurmaw li ser jattendu ftit tard minħabba studju u xogħol.

**<u>10.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (09)</u>**

Ġiet preżentata dikjarazzjoni li qed tiġi mehmuża mal-minuti.
Pġ 2 - Minbarra il-ħela tal-vetturi, hemm bżonn li jinżammu rekord anke minħabba l-manteniment ta' l-istess vetturi.
Ngibdet l-attenzjoni li l Kunsillier Anthony Delia vvota fuq il-minuti minghajr ma kien preżenti waqt il-laqgħa.
Il-kont ta' Burmarrad li jammonta għall- €1017.50 jirreferi għall-perjodu ta' bejn Lulju u Settembru 2019.
Pg.6 - Is-Segretarja Eżekuttiv ikkonfermat li nħareġ t-tender transport u qegħdin kollox skond il-parametri tal-liġi.
Minuti għaddew hekk kif emendjati.

**<u>10.3 Punti mill-minuti</u>**

L-Kont tal-Arms ta' Burmarrad – Il-Kunsill bgħat rikjesta għall-ħlasijiet lil Ms. Monica Frendo filwaqt li nnotifika lid-Dipartiment bil-każ.
Ħatra ta' President Kunsill Skolastiku – intbagħtet email sabiex issir laqgħa ma' Ms. Marlene Debono.
Rigward l-Invoice datata 2012 (€1947) – L-Invoice għaddiet għand l-avukat minħabba l-preskrizzjoni.
Xogħolijiet imwaqqfa fuq il-Latrina Sirens – L-email mill-avukat għadha ma ntbagħtitx.
Xiri ta' bandli/gym – Is-sejħa pubblika għadha ma ħarġitx.

SPB T/01 -/2019 Street Sweeping – It-Tender ġie aġġudikat, li jonqos firma tal-persuna li rriżenja mill-kariga.
Laqgħa tal-lokalita' – Ġie ppreżentat dokument relatat.
It-Tablets ser jinżammu on hold peress li qed tiġi diskussa jsirx screen kbir minflok.

**10.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Rċievejna mingħand Dr. Robert Piscopo l-evalwatur fejn qalilna li ghadu kemm irriżenja mill-bord ta' l-Evalwazzjoni.

Saret rikjesta sabiex Bus Stop jersaq b'mod temporanju sakemm jsiru xi xogħolijiet ta' kostruzzjoni (PA/01438/18). Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lil TM u lill-awtorita' tat-Trasport Publiku sabiex jisma' il-veduti tagħhom.

Il-kunsill irċieva ittra ta' Dr. Jason Azzopardi f'isem Mr. Alfred Vella bid-data ta' 12 ta' Frar, 2019 re Triq il-Laċċi. Ġie nnutat, li l-istess ittra tenfasizza li fil-parti ta' quddiem l-garaxx inkwistjoni fejn iżomm l-ilma, m'hemm l-ebda bankina eżistenti, Għalhekk, saret proposta biex quddiem l-istess garaxxijiet ssir bankina għaliex in-nies għandhom jingħataw preċidenza fuq il-vetturi. Il-kunsill qabel, li jara mill-ġdid x'kienu il-veduti tal-perit.

**10.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Fuq mistoqsija rigward d-dwal meħtieġa ta' Triq il-Limbordin, ġie notifikat, li l-inġinier għadu ma bgħatx il-BOQ meħtieġa u għalhekk se tintbagħat reminder.

**10.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

**10.6.1 Rapport** – Baġit tal-Kunsill għas-sena 2020

Ġie ppreżentat fil-*laqgħa ġenerali.*

Għall-mistoqsija dwar l-ammont ta' 45% bilanċ fi tmiem is-sena finanzjarja 2020, is-sindku fakkar, li fi ftit xhur oħra il-Kunsill huwa obligat bil-liġi li jippreżenta pjan finazjarju ta' 5 snin jippermettu ċ-ċirkostanzi.
Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**10.6.2 Rapport** – Business Plan 2020-2022

Kien hemm qbil li dan ir-rapport jiġi għad-diskussjoni aktar 'l quddiem.

**10.7 Item : Bye Law – Konsum tal-alkohol f'postijiet pubbliċi**

Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li għandha ssir draft paper ta' Bye Law skond l-esiġenzi ta' San Pawl il-Baħar.

**10.8 Item : Bye Law – Kontrol tal-Ħamiem**

Saret diskussjoni qasira, fejn il-Kunsill qabel li għandha ssir draft paper ta' Bye Law.

**10.9 Item: Triq il-Merluzz (one way)**

Ġet innutata diverġenza bejn il-mappa ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar u dik ta' TM / Google maps fir-rigward tieqaf Triq il- Merluzz. Għalhekk il-Kunsill dehrlu li għandu jikkjarifika b'mod ċar, li l-One Way 'l isfel għandha tiġi biss bejn Triq il-Fliegu sa ma' Triq it-Turisti, bil-kumplament tat-triq tiġi Two way.

**10.10 Item: One way - Ħdejn is-Soreda Hotel li tinsab fi Triq Andrew Cunningham**

Il-Kunsill ddeċieda li l-board tal-Infrastruttura jassumi ukoll ir-responsabilitita' għal immaniġġjar tat-traffiku, bl-ewwel studju għandu jiffoka fuq l-akwati ta' Andrew Cunningham.

**10.11 Item: Proposta MTA; xogħol ta' tisbieħ Menqa – Moll Buġibba**

Saret spjegazzjoni qasira fejn intqal li l-MTA esprimiet ix-xewqa li tiffinanzja proġett ta' xogħolijiet ta' tisbieħ bejn il-Menqa u l-Moll ta' Buġibba. Da il-poġett huwa mistenni li jsir fuq 3 stadji. Waqt il-laqgħa mal-MTA, is-Sindku enfasizza li x-xogħolijiet għandhom jibdew minn naħa tas-Salini u latrini pubbliċi ta' l-akwata għaliex il-priorita' ewlenija tal-Kunsill hi li dawn jissewwew mill-ħsara strutturali eżistenti fl-inqas żmien possibbli.
Il-Kunsill approva li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-perit.

**10.12 Apprvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għall-knis u qtugħ ta' ħaxix ħażin fit- toroq kollha residenzjali.

Laqgħa li jmiss: Nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar, 2020 fis 6.30pm

<IFFIRMATA>

Alfred Grima
Sindku

<IFFIRMATA>

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv